

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1136**tat-13 ta' Lulju 2015****li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 402/2013 dwar il-metodu komuni ta' sikurezza għall-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE fuq l-għoti tal-liċenzi tal-impriżi tal-linji tal-ferrovija u d-Direttiva 2001/14/KE fuq l-allokazzjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u l-intaxxar tal-piżijiet għall-użu tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà (id-Direttiva tas-Sigurtà tal-Linji tal-Ferrovija) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(4) tagħha,

Billi:

- (1) Skont id-Direttiva 2004/49/KE, il-metodi komuni ta' sikurezza għandhom jiddaħħlu gradwalment biex jiġi żgurat li jinżamm livell għoli ta' sikurezza, meta u fejn meħtieġ, u li jkunu raġonevolment prattikabbli, biex dan il-livell jitjieb.
- (2) Fit-12 ta' Ottubru 2010, il-Kummissjoni ħarġet mandat għall-Aġenzija Ferrovarja Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija") skont id-Direttiva 2004/49/KE biex temenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 352/2009 ⁽²⁾. Ir-reviżjoni ta' dan ir-Regolament kienet meħtieġa biex jitqiesu bidliet oħra fir-rwoli u fir-responsabbiltajiet tal-korp ta' valutazzjoni msemmi fl-Artikolu 6 ta' dak ir-Regolament u l-kriterji armonizzati addizzjonali tal-aċċettazzjoni tar-riskji li jistgħu jintużaw għall-valutazzjoni tal-aċċettabbiltà tar-riskji li jinħolqu min-nuqqasijiet ta' sistemi tekniċi f'każijiet fejn il-proponent jagħżel li juża l-prinċipju ta' stima espliċita tar-riskji. Kien hemm b'żonn ta' verifika li, bl-inklużjoni tal-kriterji armonizzati addizzjonali tal-aċċettazzjoni tar-riskji msemmija hawn fuq, mill-inqas jinżamm il-livell attwali tas-sikurezza ferrovarja, kif inhu meħtieġ mill-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/49/KE. Dan kien jeħtieġ ħafna iktar żmien minn dak mistenni u għalhekk il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 402/2013 ⁽³⁾ li żamm l-uniku kriterju tal-aċċettazzjoni tar-riskji li diġà jinsab fir-Regolament (KE) Nru 352/2009.
- (3) Il-valutazzjoni tal-impatt li twettqet minħabba l-bidliet li ddaħħlu mir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 402/2013 inkludiet l-analiżi tal-kriterji armonizzati tal-aċċettazzjoni tar-riskji għas-sistemi tekniċi. Ir-rapport enfażizza l-importanza li fil-metodu komuni ta' sikurezza jiġu inklużi kriterji addizzjonali tal-aċċettazzjoni tar-riskji li mhumiex stipulati fir-Regolament attwali. Dawn il-kriterji għandhom jiffaċilitaw ir-rikonossiment reċiproku bejn l-Istati Membri ta' subsistemi strutturali u ta' vetturi konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-interoperabbiltà ferrovarja.
- (4) Sabiex issir distinzjoni bejn l-aċċettazzjoni tar-riskji assoċjati mas-sistemi tekniċi u l-aċċettazzjoni tar-riskji operazzjonali u tar-riskju ġenerali fil-livell tas-sistema ferrovarja, it-terminu "kriterji tal-aċċettazzjoni tar-riskji" fis-sistemi tekniċi għandu jinbidel f'"miri armonizzati ta' disinn" għal dawn is-sistemi tekniċi. Il-miri armonizzati ta' disinn proposti f'dan ir-Regolament jistgħu jintużaw biex juru l-aċċettabbiltà tar-riskji li jinħolqu min-nuqqasijiet ta' funzjonijiet ta' sistema teknika, f'każijiet fejn il-proponent jagħżel li juża l-prinċipju ta' stima espliċita tar-riskji. Għandhom jiġu emendati xi definizzjonijiet biex jirriflettu l-bidliet riċenti li saru fit-terminoloġija u jiżiedu xi definizzjonijiet ġodda.
- (5) L-Aġenzija ppreżentat ir-rakkomandazzjoni tagħha lill-Kummissjoni dwar l-emenda tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 402/2013 imfassla biex tindirizza l-għan pendenti tal-mandat tal-Kummissjoni dwar il-miri armonizzati ta' disinn. Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Aġenzija.

⁽¹⁾ ĠUL 164, 30.4.2004, p. 44.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 352/2009 tal-24 ta' April 2009 dwar l-adozzjoni ta' metodu komuni tas-sikurezza dwar l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji kif imsemmi fl-Artikolu 6(3)(a) tad-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠUL 108, 29.4.2009, p. 4).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 402/2013 tat-30 ta' April 2013 dwar il-metodu komuni ta' sikurezza għall-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 352/2009 (ĠUL 121, 3.5.2013, p. 8).

- (6) Għalhekk, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 402/2013 għandu jiġi emendat skont dan.
- (7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 27(1) tad-Direttiva 2004/49/KE,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 402/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (9) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(9) ‘rekwiżiti tas-sikurezza’ tfisser il-karatteristiċi tas-sikurezza (kwalitattivi jew kwantitattivi, jew meta meħtieġa kemm kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi) meħtieġa għad-disinn, għat-tħaddim (inklużi regoli operattivi) u għall-manutenzjoni ta' sistema sabiex jintlaħqu l-miri legali għas-sikurezza jew il-miri tal-kumpanija għas-sikurezza;”

(b) il-punt (23) jinbidel b'dan li ġej:

“(23) ‘aċċident katastrofiku’ tfisser aċċident li tipikament jaffettwa għadd kbir ta' persuni u jirriżulta f'fatalitajiet multipli;”

(c) jiżdiedu l-punti (32) sa (37) li ġejjin:

“(32) ‘nuqqas sistematiku’ tfisser nuqqas li jseħħ ripetutament minħabba xi kombinazzjoni partikolari ta' inputs jew skont xi kundizzjonijiet partikolari tal-ambjent jew tal-applikazzjoni;

(33) ‘ħsara sistematika’ tfisser ħsara inerenti fl-ispeċifikazzjoni, fid-disinn, fil-manifattura, fl-installazzjoni, fit-tħaddim jew fil-manutenzjoni tas-sistema li qed tiġi vvalutata;

(34) ‘ostaklu’ tfisser miżura teknika, operazzjonali jew organizzattiva ta' kontroll tar-riskji barra mis-sistema li qed tiġi vvalutata li tnaqqas il-frekwenza ta' okkorrenza ta' periklu jew ittaffi s-severità tal-konsegwenza potenzjali ta' dak il-periklu;

(35) ‘aċċident kritiku’ tfisser aċċident li tipikament jaffettwa għadd żgħir ħafna ta' persuni u jirriżulta mill-inqas f'fatalità waħda;

(36) ‘ferm improbabbli’ tfisser okkorrenza ta' nuqqas fuq frekwenza ta' inqas jew daqs 10^{-9} għal kull siegħa operattiva;

(37) ‘improbabbli’ tfisser okkorrenza ta' nuqqas fuq frekwenza ta' inqas jew daqs 10^{-7} għal kull siegħa operattiva.”

(2) L-Anness I huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2015

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

L-Anness I għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 402/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-punt 2.5.1 jinbidel b'dan li ġej:

“2.5.1. F'każ li l-perikli ma jkunux koperti minn wieħed miż-żewġ prinċipji tal-aċċettazzjoni tar-riskji stabbiliti fil-punti 2.3 u 2.4, l-aċċettazzjoni tar-riskji għandha tintwera permezz ta' stima u ta' evalwazzjoni espliċiti tar-riskji. Ir-riskji li jirriżultaw minn dawn il-perikli għandhom jiġu stmati kwantitattivament jew kwalitattivament, jew meta jkun meħtieġ kemm fil-livell kwantitattiv kif ukoll dak kwalitattiv, billi jitqiesu l-miżuri eżistenti ta' sikurezza.”

(2) Il-punti 2.5.4 sa 2.5.7 jinbidlu b'dan li ġej:

“2.5.4. Il-proponent ma għandux ikun obligat iwettaq stimuli espliċiti addizzjonali tar-riskji addizzjonali għar-riskji li diġà jitqiesu aċċettabbli bl-użu ta' kodiċijiet tal-prassi jew ta' sistemi ta' referenza.

2.5.5. Jekk jinqalgħu xi perikli minħabba nuqqasijiet fil-funzjonijiet ta' sistema teknika, mingħajr preġudizzju għall-punti 2.5.1 u 2.5.4, għal dawk in-nuqqasijiet għandhom japplikaw il-miri armonizzati ta' disinn li ġejjin:

(a) jekk nuqqas ikollu potenzjal kredibbli li jwassal direttament għal aċċident katastrofiku, ir-riskju assoċjat ma jridx jitnaqqas aktar jekk il-frekwenza tan-nuqqas tal-funzjoni tkun ferm improbabbli;

(b) jekk nuqqas ikollu potenzjal kredibbli li jwassal direttament għal aċċident kritiku, ir-riskju assoċjat ma jridx jitnaqqas aktar jekk il-frekwenza tan-nuqqas tal-funzjoni tkun improbabbli.

L-għażla bejn id-definizzjoni (23) u d-definizzjoni (35) tiddependi mill-konsegwenza mhux sikura l-aktar kredibbli tan-nuqqas.

2.5.6. Mingħajr preġudizzju għall-punti 2.5.1 u 2.5.4, il-miri armonizzati ta' disinn stabbiliti fil-punt 2.5.5 għandhom jintużaw għad-disinn ta' sistemi tekniċi elettriċi, elettroniċi u elettroniċi programmabbli. Dawn għandhom ikunu l-aktar miri eżiġenti li jistgħu jinħtieġu għar-rikonoxximent reċiproku.

Ma għandhomx jintużaw bħala miri kwantitattivi ġenerali għas-sistema ferrovjarja kollha ta' Stat Membru u lanqas għad-disinn ta' sistemi tekniċi purament mekkaniċi.

Għas-sistemi tekniċi mħallta magħmula kemm minn parti purament mekkanika kif ukoll minn parti elettrika, elektronika u elektronika programmabbli, l-identifikazzjoni tal-perikli għandha titwettaq skont il-punt 2.2.5. Il-perikli li jinħolqu mill-parti purament mekkanika ma għandhomx jiġu kkontrollati bl-użu tal-miri armonizzati ta' disinn stabbiliti fil-punt 2.5.5.

2.5.7. Ir-riskji assoċjati man-nuqqasijiet fil-funzjonijiet ta' sistemi tekniċi msemmija fil-punt 2.5.5 għandhom jitqiesu aċċettabbli jekk jiġu ssodisfati wkoll ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) Jintwera li hemm konformità mal-miri armonizzati ta' disinn applikabbli;

(b) In-nuqqasijiet sistematiċi assoċjati u l-ħsarati sistematiċi assoċjati jkun kkontrollati skont il-proċessi ta' sikurezza u ta' kwalità proporzjonati mal-mira armonizzata ta' disinn applikabbli għas-sistema teknika li tkun qed tiġi vvalutata u ddefinita fl-istandards rilevanti rikonoxxuti b'mod ġenerali.

(c) Għandhom ikunu identifikati u rreġistrati l-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni għall-integrazzjoni sikura tas-sistema teknika li tkun qed tiġi vvalutata fis-sistema ferrovjarja fir-reġistru tal-perikli skont il-punt 4. Skont il-punt 1.2.2, dawn il-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni għandhom jiġu trasferiti għall-attur responsabbli sabiex juril-integrazzjoni sikura.”

(3) Jiżdiedu l-punti 2.5.8 sa 2.5.12 li ġejjin:

“2.5.8. Id-definizzjonijiet speċifiċi li ġejjin għandhom japplikaw b'referenza għall-miri armonizzati kwantitattivi ta' disinn tas-sistemi tekniċi:

(a) It-terminu 'direttament' ifisser li n-nuqqas tal-funzjoni għandu l-potenzjal li jwassal għat-tip ta' aċċident imsemmi fil-punt 2.5.5 mingħajr il-ħtieġa li jitwettqu nuqqasijiet addizzjonali;

(b) It-terminu 'potenzjal' ifisser li n-nuqqas tal-funzjoni jista' jwassal għat-tip ta' aċċident imsemmi fil-punt 2.5.5;

- 2.5.9. Jekk in-nuqqas ta' funzjoni tas-sistema teknika li tkun qed tiġi vvalutata ma jwassalx direttament għar-riskju li jkun qed jiġi kkunsidrat, għandha tkun permessal-applikazzjoni ta' miri ta' disinn inqas eżiġenti jekk il-proponent jista' juri li l-użu ta' ostakli kif iddefiniti fl-Artikolu 3(34) jippermetti li jinkiseb l-istess livell ta' sikurezza.
- 2.5.10. Mingħajr preġudizzju għall-proċedura speċifikata fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2004/49/KE jew għall-Artikolu 17(3) tad-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), tista' tintalab mira ta' disinn aktar eżiġenti mill-miri armonizzati ta' disinn stabbiliti fil-punt 2.5.5 għas-sistema teknika li tkun qed tiġi vvalutata, permezz ta' regola nazzjonali notifikata, sabiex jinżamm il-livell ta' sikurezza eżistenti fl-Istat Membru. F'każ ta' awtorizzazzjonijiet addizzjonali għat-tqegħid fis-servizz ta' vetturi, għandhom japplikaw il-proċeduri tal-Artikoli 23 u 25 tad-Direttiva 2008/57/KE.
- 2.5.11. Jekk sistema teknika tiġi żviluppata abbażi tar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 2.5.5, il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku huwa applikabbli skont l-Artikolu 15(5).
- Madankollu, jekk għal xi periklu speċifiku l-proponent jista' juri li qed jinżamm il-livell ta' sikurezza eżistenti fl-Istat Membru li fih qed tintuża s-sistema b'mira ta' disinn li hija inqas eżiġenti mill-mira armonizzata ta' disinn, allura din il-mira inqas eżiġenti tista' tintuża minflok dik armonizzata.
- 2.5.12. L-istima u l-evalwazzjoni espliċiti tar-riskji għandhom mill-inqas jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti:
- (a) il-metodi użati għall-istima espliċita tar-riskji għandhom jirriflettu korrettament is-sistema li tkun qed tiġi vvalutata u l-parametri tagħha (inklużi l-modi operattivi kollha);
 - (b) ir-riżultati għandhom ikunu preċiżi biżżejjed biex jipprovdur bażi soda għat-teħid ta' deċiżjonijiet. Bidliet minuri fis-suppożizzjonijiet jew fil-prerekwiżiti tal-inputs ma għandhomx jirriżultaw f'rekwiżiti konsiderevolment differenti.

(*) Id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità (ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1)."